Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9695 — LVMH/Tiffany)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 321/05)

1. Fil-21 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— LVMH Moët Hennessy Louis Vuitton SE (Franza),

— Tiffany & Co. (l-Istati Uniti tal-Amerka).

LVMH Moët Hennessy Louis Vuitton SE takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Tiffany & Co. Kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— LVMH Moët Hennessy Louis Vuitton SE: attiva madwar id-dinja fil-manifattura u l-provvista ta' prodotti ta' lussu permezz ta' portafoll ta' 75 marka tad-ditta fl-oqsma li ġejjin: (i) inbejjed u spirti; (ii) oġġetti tal-moda u tal-ġilda; (iii) fwejjaħ u kożmetiċi; (iv) arloġġi u ġojjelli; u (v) bejgħ selettiv;

— Tiffany & Co.: attiva mad-dinja kollha fid-disinn, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' ġojjelli ta' lussu, u prodotti assoċjati.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9695 — LVMH/Tiffany

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").